**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Dominic Micallef**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**Spettur Sandro Zarb**
**V**

**MOHAMMED MUFTAH MUSTAFA**

**Illum, 26 ta' Otubru, 2000.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MOHAMMED MUFTAH MUSTAFA** ta' nazzjonalita Libjana, imwieled Lixandra, l-Egittu nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1974, bin Muftah u Rida nee Ashixtawi u temporanjament joqghod fil-lukanda San Gorg, fil-kamra numru 203, sitwata fTriq Sir Alexander Ball, Paceville, San Giljan, detentur tal-passaport numru D/659717gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Settembru, 2000 ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar fil-lukanda San Gorg fil-kamra numru 203 li hi sitwata fi Triq Alexander Ball, Paceville San Giljan, bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Grace Vella ta' sebgha w ghoxrin sena, detentura tal-karta tal-identita numru 13173M kontra l-volunta taghha liema sekwestru sar b'offiza jew theddida bil-mewt fuq il-persuna tal-istess Grace Vella.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm jew garr jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta.

Il-Qorti giet mitlub sabiex minbarra l-piena stabbilita mill-ligi tiddikjara lil imsemmi Mohammed Muftah Mustafa bhala immigrant projbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Settembru, 2000 esibit f'dawn l-atti bhala dokument CSH 1 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-istess imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jghid li ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din l-istess Qorti.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 u 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 13(1), 26 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-fatti specie tal-kaz, donnu hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni w d-Difiza x'gara ezattament f'dan il-kaz. L-imputat ghazel li jixhed b'mod voluntarju fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Settembru, 2000. Huwa spjiega li kien ilu li wasal Malta xi jumejn qabel d-data tal-incident wara li kien gie nfurmat minghand habib tieghu li waqt li huh z-zghir kien mizmum go cella fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Malta, fuq xi investigazzjonijiet, spicca mahruq stante li s-saqqu tac-cella tieghu ha n-nar u li fil-present jinsab l-isptar jsofri minn girehi serji tant li jinsab fil-perikolu tal-mewt. Huwa ghalhekk beda jitkellem ma xi nies tal-istess nazzjonalita tieghu dwar il-kaz ta' huh u spicca sakemm wiehed minnhom anke akkumpanjah l-isptar hdejh. L-imputat jispjiega li din kienet l-ewwel darba li kien gie Malta u li l-lingwa maltija ma jafhiex. Huwa iltaqa ma xi diffikultajiet l-isptar peress li l-Pulizija li kien ghassa ma huh ma hallihx jarah u beda igibha diffcili hafna mieghu u keccih 'l hemm. Huwa ghalhekk ghamel diversi tentattivi sabiex jara lil huh pero dejjem sab diffikultajiet mill-Pulizija li ma kienetx wisq simpatika jew kompressiva mieghu, anke fic-cirkostanzi meta kellu l-permess ta' tabib biex izur lil huh xorta kellu diffikulta biex joqghod hdejh. Huwa kompla jispjiega li waqt li dam Malta

mar diversi drabi l-Ambaxxata Libjana sabiex jitlobhom l-ghajnuna (li jkun jisthoqqlu stante li huwa cittadin tal-Libja) u direttivi dwar x'ghandu jaghmel dwar huh, izda dan nonostante sab diversi ostakoli ghaliex l-impjiegati tal-Ambaxxata ma tawhx widen u fil-fatt kienu insensittivi hafna mieghu,ghalkemm kienu jafu dwar d-dettalji tal-kaz pjietuz u sfortunat ta' hu l-imputat. Illi ghalhekk l-imputat gie f'sitwazzjoni ta' disperazzjoni u kull fejn habbat, sab il-bieb maghluq. Ghalhekk l-imputat ddeskriva d-drama li ghaddiet minnha din t-tfajla Graziella Vella.

Huwa ghalhekk ddecida li jqajjem *sense of awareness* fost in-nies li kienu madwaru u ghalhekk waqt li kien hemm Graziella Vella qed tnaddaf il-kamra tal-lukanda fejn kien allogjat hu, iddecida li jahtafha u sakkar il-bieb tal-kamra, pogga l-gwardarobba wara l-bieb biex jimblokkah, qabad lil Vella u gibidha lejn t-tieqa u beda jghajjat, li xtaq li jkellem lil xi hadd tal-Human Rights jew xi rappresentant tal-Ambaxxata sabiex isemma lehnu. Huwa kkonferma li fl-ebda hin ma kien aggressiv maghha, ghalkemm qabadha minn xaghra, ressaqha lejn t-tieqa u pogga sikkina ma ghonqha. Dan ghamlu sabiex johloq sens ta' allarm u attezjoni madwar in-nies fl-akwati sabiex jitqajjem kaz u xi hadd jisimghu. Kien biss bl-intervent tal-Pulizija bil-presenza tal-Ambaxxatur Libjan li l-imputat ta ruhu b'idejh u spjiega r-raguni kif fuq imfissra ghal ghemil tieghu.

Il-Prosekuzzjoni taqbel mal-fatt li l-imputat kellu stat ta' anzjeta kbira pero thoss li l-kaz huwa wiehed serju hafna u ghandu jservi bhala deterrent sabiex jigu evitati dawn t-tip ta' reati li xejn ma huma komuni hawn Malta.

Id-Difiza ssostni li l-imputat fis-sustanza tal-agir tieghu verament ma riedx jweggha lil Grace Vella anzi kien hanin maghha tant li waqt li kienet issekwestrata minnu, offrilha sigarett u ta kutra meta bdiet tirtghod, ghalkemm setgha kkagunalha xi ferita stante li fil-pussess tieghu kellu sikkina. Id-Difiza, ssostni li dak li ghamel l-imputat, ghamlu biss minhabba n-nuqqas ta' rispett u agir inkrepattiv li wera l-Ufficjal tal-Pulizija mal-imputat meta mar l-isptar biex izur lil huh, liema nuqqas gie aggravat bit-trattament hazin li nghata mill-Ambaxxata Libjana, ghalkemm kellu dik t-trawma ghaddejja minn fuqu. Id-Difiza ssostni li l-imputat ghamel dak li ghamel sabiex jikkreja *sens of awareness* mal-awtoritajiet dwar dak li kien qed jhoss, u cioe l-allegat ingustizzja li kienet qed ssir mieghu.

Id-Difiza thoss li s-socjeta Maltija bil-komportament taghha kwazi hija partecipi ghal dak li gara u ghalhekk stiednet lil Qorti sabiex tidhol

f'dan l-ilment meta tigi biex tapplika l-piena u m'ghandhix il-Qorti tekwipara dan l-kaz ma kaz klassiku ta' ostagg, izda ghandha titrattah bhala kaz pjietuz.

Il-Qorti pero ma taqbel xejn ma dawn l-ahhar kummenti li ghaddiet id-Difiza u cioe li s-socjeta Maltija ma ttrattatx lil imputat kif jisthoqq is-sewwa. Anzi l-Qorti tawspika lil Pulizija Ezekuttiva sabiex titratta ma imputati bl-istess manjiera umana kif ghamlet f'dan l-kaz billi sahansitra ghalkemm kellha suspetti fondati li l-imputat gie indagat dak il-hin kien ikkommetta reat, xorta taghtu c-cans qabel ma investigatu sabiex jitkellem mal-awtoritajiet ta' pajjizu u cioe mal-Ambaxxatur Libjan sabiex sa fejn hu possibbli dak li m'ghamlitx l-Ambaxxata Libjana, u cioe pajjizu mieghu, ghaliex wara kollox l-Ambaxxata hija estenzjoni tal-pajjiz li tirrappresenta u kienet l-Pulizija Ezekuttiva Maltija li taghtu tali widen fic-cirkostanzi veru pjietuzi li nstab fihom.

Huwa veru wkoll pero li persuna li ghal xi raguni jew ohra ghandha livell baxx ta' tolleranza ghal sitwazzjonijiet ta' anzjeta jew stress, ghandha tevita dawk is-sitwazzjonijiet u mhux tixtri sikkina u tpoggiha ma ghonq tfajla li ma kellha x'taqsam xejn mal-aggravji tieghu u ghalhekk jittrattaha b'dik il-manjiera tant feroci intortament, imbaghad jaghmel dak li ghamel u cioe li jikser l-ligi u jippretendi li f'dawk ic-cirkostanzi li huwa hass ruhu vittma tas-socjeta, ma jinghatax piena karcerarja.

Il-Prosekuzzjoni donnha implikat li l-piena li ghandha tinghata ghandha sservi ta' deterrent sabiex reati simili ma jigux kommessi waqt li d-Difiza issostni li l-piena qua deterrent ilha li ghamlet zmienha u li l-ghan ewlieni tal-piena ghandha tkun mhux dik retributtiva izda dik restorattiva, fejn jekk hu possibbli u sa fejn hu possibbli u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghandu jsir tentattiv sabiex l-imputat isegwi t-triq t-tajba.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Ivan Gatt *deciza nhar l-ewwel ta' Dicembru, 1994*** fejn gie sservat li :

> "*li storikament l-element tad-deterrent flimkien ma dak tar-retribuzzjoni huma konsiderati fost l-iskopijiet principali tal-piena. Fil-fatt, fis-seklu tmintax, studjuzi famuzi bhal Cesare Beccaria fl-Italja, Jeremy Bentham fl-Ingilterra u PJA Van Feverbath fil-Germanja, tlett esponenti ewlenin tal-iskola klassika fix-xjenza tal-kriminologija, bbazaw t-teorija*

*taghhom ta' delitti u pieni fuq l-kuncett ta' deterrent generali. Kif jillustrhom* ***Johannes Ardenus f'Encyclopedia*** *:*

*"The central idea was that the threat of punishment should be specified so that in the mind of the potential law breaker the fear of punishment would outright the temptation to commit the crime. The penalty should be fixed by law in proportion to the gravity of the offence "*

*Dawn l-istudjuzi pero rarament ikkonsidraw l-aspett tal-effetti morali tal-ligi kriminali mentri effettivament dan l-aspett huwa wiehed minn dawk l-importanti billi l-ligi kriminali mhux biss skala ta' delitti u pieni u f'sens astratt hija essenzjalment espressjoni tad-disapprovazzjoni tas-socjeta ghal certa imgieba.*

*Fis-seklu li ghadda, pero u fl-ewwel parti ta' dan spikkat l-importanza ta' dak li hu maghruf bhala treatment and rehabilitation ta' min ikun kiser l-ligi. F'dan il-process, sfortunatament kien hemm wkoll min beda jemmen li l-element tad-deterrent huwa ineffikaci anke jekk effettivament ebda sistema legali m'abbandunat l-kuncett tad-deterrent bhala wiehed mill-aspetti inerenti ghal piena fis-sistema penali. Illum specjalment wara s-snin sittin l-interess fl-aspett tal-piena bhala deterrent reggha beda jigi studjat u ricerkat u fil-fatt llum hemm l-iskola noe-klassika fix-xjenza kriminologija li jaghti importanza ghall-aspett tad-deterrent ghalkemm fl-ebda hin ma gie accettat li huwa sewwa li jinghataw sentenzi esemplari li aktar milli jistghu jservu bhala deterrent ghal haddiehor, ghandhom effett li jippunixxu lil hati b'certa severita li taht kull cirkostanza ma tistax hlief tigi konsiderata eccessiva precizament ghax trid sservi ta' ezempju ghal haddiehor."*

In realta, s-severita tal-piena ghal dak li huwa deterrent, hija espressa fil-misura tal-piena li tistabilixxi l-ligi stess u fejn hemm minimu u massimu, dan qieghed hemm biex il-Qorti tuza u timmizura l-gudizzju taghha tenut kont tal-fatti specie u gravita partikolari tal-kaz, tac-cirkostanzi relattivi ghal hati u ta' fatturi u cirkostanzi ohra li fix-xjenza kriminologika u dik ta' penologija huma accettati bhala li ghandhom jindirizzaw lil Qorti tiddecidi kif ghandha tittratta mal-individwu li jkun

instab hati. Il-piena <u>pero m'ghandhix tkun mizurata b'mod li l-hati jhallas b'piena akbar biex isservi ta' ezempju ghal haddiehor.</u>

Ma hemmx dubbju bhala regola generali kif din il-Qorti diga kellha okkazzjoni ssemmi (vide **<u>Pulizija v Stephen Zammit</u>** deciza nhar t-tnax (12) ta' Dicembru, 1997) li meta akkuzat jammetti l-akkuzi hu ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Qed jinghad li bhala regola ghaliex dan ma japplikax ghal kull kaz b'mod generali ghaliex jista jkun hemm kazijiet li ma jikkontemplawx riduzzjoni fil-piena.

Huwa difficli li l-Qorti telenka l-kazijiet u c-cirkostanzi kollha fejn riduzzjoni fil-piena tkun jew ma tkunx indikata u dan ghaliex kull kaz huwa differenti minn iehor u ghandu l-fatti specie partikolari tieghu.

Fil-fatt **Archbold** a fol 528 tal-ktieb tieghu ***Criminal Pleadings Evidence & Practice*** 1997 edition jghid is-segwenti :

> "*it will seldom be appropriate to impose the maximum sentence in a case where there are substantial mitigating factors. An offender who pleads guilty to a charge may normally expect same recognition in the form of a reduction in the sentence which would have been appropriate or a conviction by the jury; it will seldom be appropriate to impose the maximum sentence on an offender who has pleaded guilty.*"

Il-Qorti taqbel ma din il-linja ta' osservazzjoni in generali. Pero il-kwistjoni li trid tigi trattata hija kemm ghandha tkun r-riduzzjoni. **Archbold** fl-opera fuq citata a fol 548 jghid,

> "*the extent of the discount to be allowed has never been fixed, but cases in which reduction of sentences have been made by the Court of Appeal on this ground suggest that it is normally between 1/5 and 1/3 of the sentence which would be imposed as a conviction by a Jury.*"
>
> **Lord Taylor C J** qal :
>
> "*there was no absolute rule as to what the discount should be but as a general guidance the Court believed that something of the order of 1/3 would be an appropriate discount.*"

Il-Qorti rat li l-massimu zmien ta' prigunerija li tista taghti f'dan il-kaz huwa ta' tlett snin wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe :

1. Li fiz-zmien tal-incident de quo l-akkuzat kien ghaddej minn trawma familjari stante li wiehed minn hutu kien ghadu kif gie maqtul il-Libja u l-iehor kien fil-perikolu tal-mewt hawn Malta;
2. Il-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri u ghalhekk tali ammissjoni kkontribwiet biex l-kaz jigi deciz fl-iqsar zmien u bl-inqas spejjes possibbli;
3. Il-fatt li l-allegata vittma ma sofriet l-ebda ferita fizika fuq gisimha;
4. Il-fedina penali netta tal-akkuzat;
5. L-istat mentali tal-imputat u cioe li jinsab f'pajjiz li ma jafx, b'lingwa li ma jgharafx u li jigi trattat b'mod insensittiv mill-Ambaxxata tieghu stess;

Tara li r-ragunijiet fuq imsemmija huma tajbin u ghalhekk jimmilitaw favur mitigazzjoni fil-piena.

In konkluzzjoni ghalhekk il-piena li sejra timponi il-Qorti ghalkemm ghandha sservi sabiex tiskoraggixxi l-kommissjoni ta' reati simili (ghalkemm dan l-iskop preventiv ghandu importanza incidentali) fis-sens li m'ghandhux jincidi fuq l-ghan ewlieni taghha li ssir gustizzja mal-imputat ghal dak li jkun ghamel. U huwa precizament f'dan l-iskop ewlieni tal-piena li jirrisjedi l-iskop preventiv taghha - b'mod li c-certezza li ser ssir l-ingustizzja ma kulhadd in bazi ghall-azzjonijiet tieghu per se, ghandu bhala effett inevitabbli u desiderabbli, dak li jiskoraggixxi lil terzi milli jghamlu reati simili. Il-Qorti ghalhekk trid ssib medium sabiex waqt li taghmel gustizzja mal-imputat tiehu hsieb l-interessi tas-socjeta u ghalhekk kif jghid **Cesare Beccaria** fil-ktieb tieghu **An Essay on Crimes and Punishments** ***1992 Edition- fol 51***

> "*The degree of the punishment and the consequence of a crime ought to be so contrived as to have the greatest possible effect on others with the least possible pain to the delinquent*" u ghalhekk il-piena li ser timponi din il-Qorti fi kliem l-istess awtur **Beccaria** (fol 99) hija "*public, immediate and necessary; the least possible in the case given, proportionate to the crime and determined by the law.*"

In vista tas-suespost il-Qorti ghalhekk qed tikkundanna lil imputat MOHAMMED MUFTAH MUSTAFA ghal piena karcerja ta' tnax il-xahar mill-lum minn liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.

Stante li s-sikkina ma gietx esibita f'dawn l-proceduri, il-Qorti mhux ser tordna konfiska taghha ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, stante li l-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu tordna li ai termini tal-artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 jinhareg ordni ta' tkeccija kontra tieghu, liema ordni pero ghandha tigi fis-sehh appena l-istess imputat jiskonta l-piena ta' prigunerija inflitta fuqu.

Consuelo Scerri Herrera LL D
Magistrat